



# Fuq l-Għetiebi tal-Konċilju Vatikan II, il-Knisja tas-Sittinijiet f'Malta: Ħsibijiet Monsinjur Joe Carabott

*Sergio Grech, BA (Hons), MA, PGCE*



Fil-15 ta' Jannar 2022, tħabbret il-mewt taż-Żejtuni Dun Joe Carabott li fost l-oħrajn kien arċipriet tal-Mosta bejn l-1981 u l-2003.[1] Imwieled iż-Żejtun fl-1936, Carabott ġie ordnat saċerdot fl-1962 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi u f'inqas minn sentejn wara nħatar Kappillan tal-Parroċċa ta' Wied il-Għajn fejn baqa' sal-1976. Miegħu kienu ġew ikkonsagrati 25 saċerdot ieħor.[2] Fl-1976, Dun Joe Carabott inħatar Arċipriet tal-Parroċċa tas-Siġġiewi u wara bagħtuh arċipriet il-Mosta fejn qatta' xejn inqas minn 22 sena. Iċ-ċerimonja tal-pussess għall-parrokat tal-Mosta saret fl-1 ta' Novembru 1981, il-jum li fih il-Knisja tiċċelebra Jum il-Qaddisin kollha.[3]

F'apprezzament li deher f'*Newsbook* iħabbar mewtu ntqal li fil-Mosta, Dun Joe Carabott "ħa ħsieb ir-restawr tal-Knisja (parrokkjali), l-induratura mill-ġdid tal-Vara ta' Santa Marija u anke ra t-twaqqif taż-żoni pastorali li twaqqfu ġewwa l-Mosta biex jaqdu aħjar il-bżonnijiet spiritwali tan-nies li joqogħdu fin-naħat ta' barra tagħha. Fi żmienu wkoll, fl-2000, il-kwadru titulari tal-Assunta ġie mżejjen bi stellarju tad-deheb fl-okkażjoni tal-25 sena mill-Inkurunazzjoni tiegħu. Huwa ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral fl-2003 u f'dik is-sena ngħata Ġieħ il-Mosta mill-Kunsill Lokali."[4] L-aħħar xhur ta' ħajtu qattagħhom fid-Dar tal-Kleru fi Fleur-De-Lys, fil-kamra numru 42, fis-sular ta' isfel.[5]

Dwar Monsinjur Carabott nistħajjel li mal-korsa taż-żmien il-kitbiet dwaru mhux se jonqsu fejn se tkun tista' ssir evalwazzjoni iktar dettaljata tal-parrokat tiegħu fil-Mosta u forsi fi bnadi oħra. Dan l-artiklu għalhekk mhux se jiżvolġi apprezzament jew profil ta' Carabott imma hu msejjes fuq intervista li kien tani l-istess Dun Joe Carabott dwar il-Knisja Maltija tas-snin sittin. Din l-informazzjoni qed tiġi esposta hawnhekk għall-ewwel darba.

L-artiklu se jbexxaq tieqa dwar kif Monsinjur Carabott għex is-snin sittin u x'kienu l-veduti tiegħu tal-epoka. Hu kien għadu qassis novell imma mill-ewwel ingħata kariga ta' importanza. Dan kien perjodu meta l-kappillan kellu rwol ewlieni fis-soċjetà Maltija u ħafna kienu jagħrfu l-importanza tiegħu anki jekk matul is-snin sittin din id-dipendenza fuqu tibda tixxaqqaq grazzi għal diversi fatturi fosthom iktar edukazzjoni, iktar libertà fl-imħuħ u fl-istili ta' għajxien u anki minħabba kontroversji politiċi-reliġjużi tal-perjodu.[6] Interessanti li l-Arċisqof Gonzi għal Wied il-Għajn, parroċċa pjuttost żagħżugħa, jagħżel kappillan żagħżugħ. Dun Joe kien għadu lanqas biss għalaq it-28 sena tiegħu. Hawnhekk ma ninsewx li kien ukoll żmien il-Konċilju Vatikan II li ġab riformi kbar fil-Knisja Kattolika Rumana, li anki l-Knisja Maltija wettqet minkejja l-età kbira tar-Ragħaj tagħha.

***Il-Kuntest tal-Intervista***

Din l-intervista saret parti minn riċerka ikbar fejn kont qed naħdem fuq intervisti orali ma' persuni li għexu s-snin sittin f'Malta. Niftakar li dakinhar kont wasalt għandu xi ftit tard għax kont qlibt Triq il-Kostituzzjoni ma' Triq il-Kungress Ewkaristiku! Niftakru jgħidli tgħaġġel xejn meta kkonfermajt l-appuntament "għax inqala' funeral." Meta ħabbatt fuq il-bieb il-ħażin deher raġel u saqsejt għalih. Dan bagħatni f'direzzjoni oħra u sibtu bil-palju f'idejh liebes is-suttana fil-bieb qed jistenna lili. L-appuntament oriġinarjament kellu jkun għall-4 p.m.

L-intervista tiegħi saret id-dar tiegħu numru 28 fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, il-Mosta fis-sena 2015. L-intervista ħadet madwar 40 minuta u ġiet irrekordjata permezz ta' mobile Samsung. Fil-kollezzjoni tiegħi hija kkatalogata 'Voice 28'.

***It-Temi Ewlenin***

Matul l-intervista qbadna diversi temi bħall-Arċisqof Gonzi, is-Seminarju li tħarreġ fih hu, il-Kanonku Ġwann Vella taż-Żejtun magħruf bħala l-Primiċerju li kien żewweġ lil Duminku u Moira Mintoff fil-knisja tal-Madonna tal-Ħniena f'Bir id-Deheb, l-Avukat Herbert

Ganado, l-Isqof Emanuel Gerada, żmienu bħala kappillan Wied il-Għajn, Vincenzo Bonello u temi oħrajn li issa jkolli ċans nidħol fihom matul il-kitba.

***L-Arċisqof Gonzi***

La s-suġġett kienet il-Knisja tas-snin sittin, id-diskors waqa' mill-ewwel fuq l-Arċisqof Gonzi li fi kliem Monsinjur Carabott kien leader. "Il-problema mhux jaħrabha jidħlilha kif fl-aħħar mill-aħħar kienet it-tendenza dak iż-żmien. Kien bniedem b'memorja eċċezzjonali li jiftakar kollox." Skont Monsinjur Carabott, lis-seminaristi kien jiftakarhom minn darba għal oħra li kien jiltaqa' magħhom b'isimhom wieħed wieħed u mil-liema raħal ġejjin. "Darba kunjomi ma ftakrux." Lilu kien isejjaħlu Carabott taż-Żejtun. Staqsejtu jekk hux veru l-għajdut li ġieli nstema' li l-Arċisqof Gonzi kellu iktar simpatija lejn dawk is-seminaristi li kienu jafu bl-Ingliż. Skont hu dik ma kinitx vera. "Aħna konna fuq mija." Miż-Żejtun kien hemm grupp imdaqqas ta' xi 15-il seminarista skont Carabott.

Lill-Arċisqof Gonzi kompla jiddeskrivih bħala bniedem ta' dmir imma "lest li jisimgħek." Bla ma ridt saqsejtu li ħafna jaraw is-suppervja fih u d-dixxiplina qalila. "Mhux minnu li ma kienx jisma'. Li kellu li kollox kien jistenna li jkun eżatt," u fi kliem Monsinjur Carabott, "jekk jaħtaf, għax ma kienx ikun hemm l-eżatt." Carabott kien insista miegħi li jekk ma tarax lill-Arċisqof Gonzi bħala bniedem li jħobb il-Knisja ma tistax tifhem l-involviment tiegħu fil-ħajja politika u pubblika ta' Malta tant li skont hu, "Kieku ma żammx hekk konna mmorru l-baħar."

It-teżi ta' Dun Joe Carabott hija li kieku ma kienx l-Arċisqof Gonzi, kieku l-Komuniżmu kien jidħol f'Malta. "Żgur. Il-poplu kien iktar nisrani mil-lum fil-prattika u allura (l-Arċisqof) kellu iktar appoġġ." Fi kliem Carabott, l-Arċisqof kellu dejjem "kelma ċara." Fi żmienu, lil Monsinjur Gonzi kienu laqqmuh isqof providenzjali u "naħseb li veru kien."

Bla ma dort mal-lewża saqsejtu jekk qabilx mal-interdett. Hu wieġeb, "kien hemm bżonn li ssir xi ħaġa." Skont Carabott, fi kwistjoni bħal din ma stajtx tkun newtru. Jew mal-Knisja li ssegwiha f'kollox jew xejn. Żied ma kienx hemm lok iktar "għad-doppia faccia." "L-Arċisqof Gonzi ma kienx it-tip li jagħmel li jgħidulu." Kontinwament Carabott baqa' jfakkarni matul l-intervista biex inżomm f'moħħi l-kuntest jew iż-żmien. "Illum ma tistax timxi bħal dakinhar."

***Il-Primiċerju***

Id-diskors dar fuq iż-Żejtun u f'dan ir-raħal fost il-kleru kien hemm Dun Ġwann Vella magħruf maż-Żwieten bħala l-Primiċerju. Fi kliem Carabott, il-Primiċerju kien "a very good jolly fellow." Fiż-żogħżija tiegħu Carabott kien jattendi d-Domus taż-Żejtun u Vella kien joqgħod eżatt ħdejn id-Domus. Ħajt biss kien jifred il-ġnien tar-residenza tiegħu mid-Domus li kien waqqaf Dun Spir Grixti. Spiss il-ballun kien jispiċċa għand Dun Ġwann u min-naħa l-oħra tal-ħajt, iż-żgħażagħ kienu jgħidulu "Dun Ġwann ibagħtulna u hu miskin jitfagħhulna."

Dun Ġwann, li kien jiġi z-ziju tal-Ġiżwita Fr Arthur Vella, kien rakkontatur prim u kien jieħu gost ifaqqa' ċ-ċajt skont Monsinjur Carabott. "Kien jirrakkonta u konna nidħku. (Darba minnhom) ... fil-5 a.m. ħabbatlu l-bieb u mar jiftaħ ħa jara minn ġie u kien hemm ġuvnott. Qallu ejja ejja għax missieri qed imut u ommi trid lilek. Qallu għadu lanqas miet bagħtet toħtob ommok?"

***L-Isqof Emanuel Gerada***

Żejtuni ieħor kien l-Isqof Emanuel Gerada, bin l-ispiżjar li kien ġej minn familja unika għal dawk iż-żminijiet li l-maġġoranza tagħhom kienu nies ta' skola. L-ispiżjar Gerada fiż-Żejtun kien wieħed mill-irjus kbar kif kienu jkunu l-ispiżjara ta' dari. L-Isqof Gerada "kellu fih dik it-tendenza ta' karriera." Ħuh ukoll kien spiżjar u oħtu, kap ta' skola. Kellhom dar kbira li naħa tibda minn Triq Sant'Anġlu u tispiċċa fi Triq il-Mater Boni Consiglii fejn kellhom l-ispiżerija bieb ma' bieb mal-għassa tar-raħal mmexxija minn missieru Onorato. Skont Monsinjur Carabott, id-diplomazija kienet ir-raġuni li Monsinjur Gerada "ma ngranax biżżejjed għall-ħajja pastorali." Carabott jiftakar ċamata li kien laqqat mingħand l-Isqof Gerada, li iktar tard sar Nunzju, wara li darba waqt quddiesa ppreżentalu maktur (li tawh) biex jimsaħ idejh fejn il-parti tal-offertorju s-saċerdot jaħsel idejh u dan il-maktur ma kienx nadif. L-Isqof Gerada b'herra qallu, "dan tajjeb għall-artal?" Il-ħatfa ma nsieha qatt. "Kważi skandalizzani."

***L-Isqof Emanuel Galea***

Semmejna wkoll lill-Isqof Emanuel Galea li inċidentalment qatta' snin twal jgħix iż-Żejtun. "L-Isqof Galea kien iktar ta' żewġt kelmiet mill-erbgħa." Żgur li kien ta' għajnuna għall-Arċisqof Gonzi skont Carabott. "Bħala karattru ma kienx militanti, mhux bħalu se jindirizza xi 20,000 ruħ fuq il-Fosos." Imma skont Dun Joe, l-Isqof Galea kien dejjem preċiż u kien hemm qbil perfett bejnu u bejn l-Arċisqof Gonzi. Fil-komunità Żejtunija, l-Isqof Galea kien imfittex ħafna għall-qrar.

***L-Avukat Herbert Ganado***

Tkellimna wkoll dwar l-Avukat Herbert Ganado li

kien dieħel u ħiereġ il-Kurja imma skont Monsinjur Carabott l-istorja ta' Ganado kienet flopp politku. "Ma sewa għalxejn. Sewa biex qasam il-Partit Nazzjonalista. Kellu pinna tajba."

***Il-Parrokat Skali***

Il-kappillani kienu pont importanti fil-veskovat tal-Arċisqof Gonzi. Kien jiltaqa' magħhom spiss – darba f'xahar. Meta Dun Joe Carabott, mar Wied il-Għajn sab komunità ta' 600 persuna fejn kienet qed tinbena knisja fuq pjanta ta' Vincenzo Bonello li l-Arċisqof Gonzi kien jaħlef bih. Bonello kien ġej minn passat ta' internament waqt it-Tieni Gwerra. Carabott stqarr miegħi li lilu kienu webbluh u kkonvinċewh biex din il-pjanta jibdilha. Hu nnifsu ma kienx qed jaraha fattibbli. Apparti li kien hemm diġà d-dejn akkumulat fuq il-parti li kienet inbniet. Biss biss "kellha titla' daqs li telgħet darb'oħra. Imbagħad saqaf troll. Imbagħad tibda l-koppla. Fi żmieni kienet telgħet sal-ewwel ċinta."

Milli jidher lill-Arċisqof Gonzi, Carabaott kien qallu ċar, bl-iktar mod żbukkat, li l-proġett mhux tajjeb. L-Arċisqof wieġbu b'biljett fejn fuqu kiteb "Auguro al neo parroco un po di umiltà." L-esperjenza ta' Bonello fil-qasam ma stajtx tarmiha lanqas. Carabott ammetta miegħi li kien deher prużuntuż dakinhar.

Maż-żmien, l-Arċisqof Gonzi kkonvinċa ruħu li tinbidel il-pjanta u lil Carabott kien qallu li mhux se jħallih jitlaq minn hemm qabel titlesta l-knisja. Monsinjur Carabott żied jgħidli li ma qabilx mad-deċiżjoni tal-kappillan ta' warajh li "l-korsija tal-knisja, naqqasha kważi bid-doppju."

Hemm inċident ħelu qabel il-parrokat ta' Wied il-Għajn li Monsinjur Carabott ħa gost jaqsam miegħi. Meta sar saċerdot, l-isqof, kif kienet id-drawwa, kien tahom il-mandat. Il-mandat kien l-assenjament tax-xogħol li qassis ġdid kien se jkun qed jagħmel fi ħdan il-Knisja fil-varji gradi tagħha.

Lilu bagħtu f'uffiċju ta' dak "il-pupu barra fi Triq il-Merkanti" fejn hemm kien hemm għaqda li kienet tiġbor biex tiffinanzja lis-seminaristi li ma kellhomx mezzi biex jistudjaw is-Seminarju. Kien qed jirreferi għal dik l-istatwetta ta' dak l-abbati liebes suttana ħamra u spellizza bajda bil-kaxxa għad-donazzjonijiet ta' min ikun għaddej mit-triq. Imma kulma għamel hemm tliet xhur biss. Jgħid li għalih serviet bħala lezzjoni fl-umiltà.

***Xi Punti Oħrajn***

Dun Joe Carabott stqarr ċar u tond waqt l-intervista miegħi, "aħjar bqajt kappillan milli monsinjur." Anki minħabba r-ritmu tax-xogħol. Żied "ma hemmx xogħol speċjali" fil-kariga ta' monsinjur tal-Katidral. Tenna li llum hija biċċa xogħol diffiċli għall-isqof meta jiġi biex jagħżel kappillan minħabba n-nuqqas ta' vokazzjonijiet u allura l-għalqa minn fejn jagħżel ċkienet ħafna." Skont hu, għad fadal fidi fin-nies minkejja li ħafna affarijiet inbidlu. Anki jekk ħafna nies donnhom iduru lejn Alla fil-mard. Imma skont hu anki dak hu att ta' fidi.

Qabel ma tlaqna urini xi memorabilja li kien jgħożż u li kellu fil-vetrina. Fuq karta, kellu kitba minn Mother Teresa li kienu flimkien waqt vjaġġ fuq l-ajruplan. Il-kliem kien jgħid: *Be holy because Jesus who loves you is Holy. God bless you*. Għalih dik kienet relikwa għażiża ta' soru rivoluzzjonarja li għexet il-Vanġelu. Kellu wkoll ktieb li bih il-Papa Ġwanni Pawlu II kien bierek lil Malta waqt iż-żjara tiegħu. Urieni wkoll is-santa tal-ewwel tqarbina tiegħu u żied jgħidli "ilu ħafna ta!" waqt li ċarrat tbissima minn ħajt sa ħajt. Kellu wkoll ritratt kbir iffirmat tal-Isqof ta' Ateni li kien ġab fil-festa ta' San Nikola tas-Siġġiewi.

***Konklużjoni***

Qabel ma ħriġt mingħandu, osservajtlu, "bqajt il-Mosta inti." Weġibni, "drajt l-ambjent u bqajt hawn." Kif xrift barra laqgħani d-duħħan tal-karozzi ma jifqux ħerġin mill-Mosta u d-daqq tal-qniepen isejħu l-pellegrini għall-quddiesa. Jien u sejjer lura rrealizzajt li nsejt ngħidlu li jien miż-Żejtun bħalu liema għeruq hu qatt ma nesa.

Referenzi

1 Stradarjali, misjuba 7 ta' April 2022, https://stradarjali.com/2022/01/miet-il-monsijur-joe-carabott-qassis-mahbub-li-habb-il-komunita.

2 Joe Callejja, *Ordinazjonijiet Saċerdotali 1800-2000* (Malta, L-Awtur, 2001), 63.

3 Mosta Archives, misjuba 7 ta' April 2022, http://mostaarchives.smashyouagainstthewall.com/ArcJoeCarabottPusses.html

4 'Imut Monsinjur Joe Carabott,' Newsbook, Misjuba 7 ta' April 2022, https://newsbook.com.mt/imut-mons-dun-joe-carabott-serva-bhala-arcipriet-fil-mosta-bejn-l-1981-u-l-2003/.

5 Sors Emily Barbaro-Sant.

6 Ara l-kitbiet ta' Jeremy Boissevain u Adrianus Koster dwar dan is-suġġett.